(14) Il-qamar, igħidu, mita jitla' jiekol kollox, jiġifieri i... rab, ikeċċi li jkun hemm fl-ajru riħ, sħab, x'naf jien. Il-Kit... għal mument, għal bżonn, għall-ħsieb tiegħu, joqgħod għal ... li jgħidu: xi jdaħħlu jekk hux minnu jew le?

Il-malti jgħid: tqigħedx qroqqa fit-telfa tal-qamar.

(15) X'għorrief ecc. It-twemmin li l-bniedem jagħmel m...

(16) X'għorrief ecc. It-twemmin li l-bniedem jagħmel ... qamar ma nqatâx.... *X'għorrief* flok *xi għorrief*.

(17) Beħġa tfisser kif inhi idu il-bniedem fil-kitba fit-taħdit... karattru. Hawn tfisser kif inhu magħmul il-bniedem tajjeb ... ħażin, x'fih l-iktar li jolqtok, x'għandu li jati fil-għajn li j... kif inhu magħġun fil-barma ta' moħħu, fix-xeħta ta' qalbu... karattru.

# X'JIKTBULNA

*Inġibu bil-qalb din l-ittra li bagħtilna l-Kumitat tal-Par...* tal-Haddiema, *bit-tama li tkun tiswa ta' eżempju tajjeb lil ħa... ieħor*:

PARTIT TAL-HADDIEMA
143, Sda. Britannica,

Valletta, 17 ta' Novembru 19...

Fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat Esekuttiv tal-*Partit tal-Haddie...* għadda *nem. con.* illi l-ortografija li l-Partit jagħraf u li għa... juża fil-ħwejjeġ uffiċjali tiegħu, għandha tkun dik li ħarġet ... *Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.*

Għoddni tiegħek,
G. ORLANDO,
*Segretarju Ġener...*

President "*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*"
Valletta.

# IT-TALLABA.

(MINN TA' MATILDE SERAO)

*(Jaqbad fuq il-għadd ta' qabel u jispiċċa)*

Il-ġurnata tal-Hadd li ġiet wara, it-tfajla kienet tħossha qiegħda tmut. Kull-tant kienu jerħuha l-forzi u kienet tintelaq kobba fl-art. Il-ħwienet kienu magħluqin, in-nies, għaddejja mgħaġġla, ma kinux jatu kontha, kollha kienu sejrin lejn it-toroq ta' fuq, u jgħibu 'l hemm: hi baqgħet tħares lejhom minngħajr ma taf għal fejn. Daħlet fil-knisja ta' Portanova. Il-knisja kienet battala, dehritilha kbira u tal-biża; tâtha tkexkixa bard, saqajha ħafjin fuq l-irħam; is-sagristan, ħatafha minn għonqha u tefagħha l-barra. Reġgħet bdiet tiġri qalb dawk it-triqat bla nies: rat ruħha weħida, sewdet qalbha. Kull-ħadd kien telqilha 'l hemm fuq.

Hawn, insiet il-biża' tagħha; imġiegħla mill-ġuħ, qabżet it-triq, għaddiet il-misraħ ta' "Rua Catalana", telgħet it-turġien ta' San Ġużepp.

Stagħġbet mita rat dak li qatt ma kienet rat qabel: triq, wiesgħa, ħwienet sbieħ, palazzi kbar, ġonna mimlija siġar, wiċċ is-sema fil-beraħ. Insiet il-ġuħ tagħha quddiem dak il-ġmiel: ma ħasbetx iżjed, insiet il-għaks tagħha, u waqfet tħares, maħruġa minnha nfisha, lejn ħanut tal-pupi. Hemm fuq kien kollox sabiħ! hi baqgħet miexja man-nies li kienu sejrin lejn il-għajn il-kbira "Medina", tieqaf kull-mument, imqanqla, kurjuża, mifxula, insiet titlob il-karità. Il-karrozzi biss beżżgħuha b'dak it-tislib tagħhom ma jaqta' xejn, telgħet timxi fuq il-bankina. Fil-misraħ tal-"Muniċipju", il-għajja rikibha, għalhekk intelqet fuq bank biswit il-ġonna; stejqret wara ftit, qamet u ġriet hija wkoll lejn *San Karlu:* hemm intilfet qalb il-folla, ċkejkna bħal ma kienet, sabet ruħha mkarkra lejn *San Ferdinandu.* Ma rat xejn, mank tidher fost in-nies; ħasset ruħha flokha! Kull-tant kienet tara għaddej minn fuq rasha bukkett ward, inbagħad ieħor, inbagħad xita sħiħa ta' ward: minn xi daqqiet il-folla kienet tinxeħet fuq ġenb wieħed, biex tgħaddi karrozza b'sinjura minn l-isbaħ ġewwa fiha, qiegħda fost il-ward u d-damask. It-tfajla stħajlitha li qiegħda toħlom: skantat b'dak li rat. Għadda ħafna ħin u beda jidlam.

Beda jidlam: ix-xħit tal-ward beda jonqos, il-ħsejjes jit-biegħdu, in-nies titbattal. Ma' ġenb it-tfajla għaddiet mara tant